# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Frar, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1208/07/2 AE**

**Konkors tal-kredituri ta' Christopher Gauci**

**Preliminari:**

1. Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni tal-kumpanija Pietà Marina Limited.

2. Rat ir-risposta tar-ritrattat Kummissarju tat-Taxxi (ġia' Direttur Ġenerali (Taxxi):

> "1. Illi l-esponenti ritrattat jopponi ghat-talba ghar-ritrattazzjoni kkontenuta fir-rikors tar-ritrattant biex is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell deciza fit-23 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet premessi tigi ritrattata, wara li tigi mhassra, peress illi kif qieghda tallega r-ritrattanti s-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza billi d-

decizjoni msemmija hija bbazata fuq l-allegazzjoni illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazin;

2. Illi r-ritrattat Kummissarju qieghed jopponi t-talba peress illi din ma tissodisfax ir-rikwiziti tal-artikolu 811 (e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [il-Kap 12] u dan peress illi s-sentenza *de quo* hija in konformita' mal-ligi u jisthoqqilha illi tigi kkonfermata. Illi l-Artikolu succitat testwalment jghid:

> "*Kawża deċiża b'sentenza moghtija fi grad ta' appell* jew mill-Qorti Civili, Prim'Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha tista', fuq talba ta' *wahda mill-partijiet li jkollha* interess, *tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li* gejjin:
>
> *(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hażin*;
>
> *ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hażina tal-ligi. fil-każ biss li d-deċiżjoni*, *meta l-fatt kien* tassew *kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx* skont *il-ligi*, *basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun* espressament *tat deċiżjoni;"*

3. Illi jidher bla pregudizzju ghas-suespost illi r-rikorrenti ritrattanti fir-rikors taghha qieghda tipprova tutilizza l-procedura insolita tar-ritrattazzjoni sabiex tattakka sentenza legalment korretta li applikat u interpretat il-ligi dwar l-operat tal-artikolu 116(3) tal-Kap. 318 in rigward it-talba tal-esponenti li hija wahda privileggjata;

4. Illi l-ligi hija esplicita meta titkellem dwar il-privilegg li jgawdi l-esponenti fuq l-assi tad-debitur meta l-esponenti jesigi l-hlas lilu dovut that l-Att 318, f'dan il-kaz il-kumpanija. Dan il-privilegg jemani mil-ligi permezz tal-frazi: 'minkejja d-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra' u jissupera dak li hemm imnizzel fil-Kodici Civili u f'kull ligi ohra;

5. Illi fejn ir-ritrattanti qieghda tizbalja fil-fehma umili tal-esponenti huwa illi ma fehmitx li fil-kaz in dizamina bl-applikazzjoni tal-Artikolu 123 tal-Kap. 318 l-affarijiet inbidlu radikalment vis-à-vis Christopher Gauci. Illi r-ritrattanti m'ghandhiex ragun f' dak li kitbet fil-paragrafu 5.1.4.8 tar-rikors taghha illi l-Qorti kellha tapplika l-artikolu 1094 et sec tal-Kap. 16 fil-kaz in dizamina;

6. Illi jinghad illi fil-'marginal note ta' dan l-artikolu li titkellem dwar 'obbligazzjoni *in solidum* ghad-debituri', ma hemm l-ebda hjiel illi dan l-artikolu qatt gie emendat. Ghadu fl-istat originali ta' meta gie ppromulgat. Illi r-ritrattanti qieghda tinsa illi f' dan il-kaz ghandu japplika *de riguer* il-Kap. 318 li jissupera dak li hemm imsemmi fl-artikolu 1094 et sec tal-Kap. 16. Din l-Onorabbli Qorti ma applikat l-

ebda ligi hazin u lanqas ma 'donnha illegizlat hija stess' kif qalet ir-ritrattandi![1]

7. Illi kif qalu z-zewg Qrati u hawn l-esponenti jaghmel referenza ghal dak li qalet din l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-paragrafu 14 tas-sentenza taghha tat-23 ta' Novembru 2020 fejn spjegat il-bidla radikali illi sehhet fil-konfront tal-esponenti vis-à-vis id-direttur ta' Price Club Operators Limited Christopher Gauci. Il-Qorti qalet:

> "14. Illi huwa minnu illi skont dana l-artikolu (116(3) l-privilegg hu moghti fuq l-assi tal-persuna li thaddem, f' dan il-kaz Price Club Operators Ltd u mhux Christopher Gauci izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 123 tal-Kap. 318 Gauci gie solidalment responsabbli ghall-pagament li kellha thallas il-kumpannija."[2]

8. Illi gustament il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-21 ta' Ottubru 2013 fejn fil-parti dispositiva tal-gudikat iddikjarat illi l-privilegg li kreditur (il-Kummissarju) jithallas qabel kredituri ohra jirrizulta mil-ligi. Kompliet:

> "Jekk wiehed kellu joqghod biss fuq dak li jghid l-artikolu 116(3) tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali, il-privilegg hu moghti fuq l-assi tal-persuna li thaddem. Pieta' Marina Limited issostni li Christopher Gauci ma kienx il-principal, u ghalhekk l-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318 ma japplikax. Id-direttur Generali rribatta ghal din l-asserzjoni billi invoka l-Artikolu 123 tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318), li jipprovdi li fost affarijiet (ohra) meta xi att ghandu jsir minn korp jew ghaqda ta' persuni, *"(1)[…] dak l-att, affarijiet jew haga jkunu ukoll mehtiega li jsiru jew li ma jsirux personalment mill-manager jew ufficjal principali iehor ta' dak il-korp jew dik l-ghaqda;* ***u d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti maghmula bis-sahha tieghu ghandhom japplikaw f' dan il-kaz".*** (enfasi tal-Qorti). Fis-subinciz (2) tal-istess provvediment jinghad: "*Meta jkollu jsir xi hlas minn korp jew ghaqda ta' persuna u mill-manager jew ufficjal principali iehor taghha, dak l-obbligu jkun in solidum".* Fil-fehma tal-Qorti in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 123, l-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318 japplika ukoll fil-konfront ta' " *manager jew ufficjal principali iehor",* tal- kumpannija".[3]

9. Illi l-Artikolu 123 tal-Kap. 318 jiddisponi li:

> "(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-interpretazzjoni, meta xi att jew haga ohra li huma mehtiega li jsiru jew li m'ghandhomx isiru skont jew taht dan l-Att ghandhom isiru att, affarijiet jew haga jkunu ukoll mehtiega li jsiru jew ma jsirux personalment mill-manager jew ufficjal principali iehor ta' dak il-korp jew dik l-ghaqda; u d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti maghmula bis-sahha tieghu ghandhom japplikaw f' dan is-sens.

[1] Pagna 6 tar-rikors taghha.
[2] Sentenza tal-23 ta' Novembru 2020, pagna 12.
[3] Sentenza tal-Prim'Awla tal-21 ta' Ottubru 2013, pagna 9.

(2) Meta fl-applikazzjoni tas-subartikolu (1) ikollu jsir xi hlas minn korp jew ghaqda ta' persuni u mill manager jew ufficjal principali iehor taghha, dak l-obbligu jkun in solidum."

10. Illi fil-fehma umili tar-ritrattat Kummissarju legalment u logikament din l-Onorabbli Qorti ma setghetx taghmel mod iehor hlief illi taplika l-ligi kif ried il-Legislatur. Gauci kien direttur u mhux semplici impjegat tal-kumpannija. Huwa car kristall illi l-artikolu 123 jestendi t-talba privileggjata tal-esponenti msemmija fl-artikolu 116(3) ghal fuq l-assi personali tad-debitur;

11. Illi ma hemmx dubbju illi Christopher Gauci bhala direttur ta' Price Club Operators Limited kien ikkunsidrat bhala ufficjal tal-istess u kwindi legalment u logikament kellu jiskatta l-privilegg imsemmi fl-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318 anke fuq l-assi personali tieghu in vista tas-sentenzi tal-qrati nostrali li sabuh responsabbli personalment ta' fraudulent trading u din ir-responsabbilita' hija in solidum;

12. Illi jidher illi dak li ddecidew il-Qrati taghna f' dan il-kaz ma joghgobx lir-ritrattanti, pero' dan bl-ebda mod ma jista' jigi ekwiparat ma' applikazzjoni hazina tal-ligi ai termini tal-Artikolu 811 (e) tal-Kap. 12.;

13. Illi jinghad bir-rispett dovut illi t-talba tar-rikorrenti ritrattanti fl-assjem tas-sentenza attakkata ma tistax tigi milqugha peress illi r-referenza li saret ghall-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 ma tapplikax ghall-kaz in ezami kif intqal *supra*.;

14. Illi l-esponenti ritrattat jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet suesposti tikkonferma s-sentenza taghha tat-23 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet: **Konkors tal-Kredituri ta' Christopher Gauci vs X, Rikors numru 1208/07 AE** billi hija gusta u peress illi applikat sewwa l-ligi u inoltre billi ma jesistux ir-ragunijiet imsemmija fil-paragrafu (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap 12 kif imsemmija fir-rikors tar-ritrattanti ghalbiex is-sentenza *de quo* tigi ritrattata;

15. Ghaldaqstant l-esponenti jesponi bir-rispett illi t-talba tar-rikorrenti ritrattanti Pieta' Marina Limited ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza tat-23 ta' Novembru 2020 ghandha tigi michuda ghal dak li nghad supra u s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li fil-parti decizorja tas-sentenza taghha kkonfermat is-sentenza appellata u cahdet l-appell ta' Pieta' Marina Limited tigi kkonfermata.

Bl-ispejjez kontra r-ritrattanti."

3. Rat ir-risposta tar-ritrattat il-Kummissarju tat-Taxxi (ġia' Direttur Ġenerali (VAT)):

"1. Illi l-esponenti ritratta jopponi ghat talba ghar-ritrattazzjoni kkontenuta fir-rikors biex is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell deciza fit-23 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet premessi tigi ritrattata, wara li tigi mhassra, peress illi kif qieghda tallega r-ritrattanti s-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza billi d-decizjoni msemmija hija bbazata fuq l-allegazzjoni illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazin;

2. Illi r-ritrattat Kummissarju qieghed jopponi t-talba peress illi din ma tissodisfax ir-rikwiziti tal-artikolu 811 (e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (il-Kap.12) u dan peress illi s-sentenza *de quo* hija in konformita' mal-ligi u jisthoqqilha illi tigi kkonfermata;

3. Illi jidher pregudizzju ghas-suespost illi r-rikorrenti fir-rikors taghha qieghda tutilizza l-procedura insolita tar-ritrattazjoni sabiex tattakka sentenza legalment korretta li applikat u interpretat il-ligi dwar l-operat tal-artikolu 116(3) tal-Kap.318 in rigward it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi (Inland Revenue) li qiesha bhala wahda privileggjata;

4. Illi jinghad *in limine litis* illi l-interess tal-esponenti f'dan ir-rikors huwa wieħed akkademiku stante illi bhala ranking gie wara l-Kummissarju ta-Taxxi (Inland Revenue) peress illi ma kienx hemm flus bizzejjed biex tigi sodisfatta l-klejm tal-Kummissrju tat-Taxxi (Inland Revenue);

5. Illi a skans ta' repetizzjoni l-esponenti jaghmel tieghu dak li ntqal fir-risposta ghar-rikors ghar-ritrattazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi (Inland Revenue);

6. Illi jidher illi dak li gie deciz mill-Qrati tar-rikorrenti ritrattanti legalment ma tistax tigi milqugha peress illi l-artikolu 811(e) tal-Kap.12;

7. Illi huwa ovvju illi t-talba tar-rikorrenti ritrattanti legalment ma tistax tigi milqugha peress illi l-artikolu 811(e) tal-Kap.12 ma japplikax ghall-kaz in dizamina ghar-ragunijiet suesposti;

8. Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba ta' Pieta Marina Limited ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza tat-23 ta' Novembru, 2020, billi hija gusta u applikat il-ligi sewwa u peress illi ma jezistux ir-ragunijiet imsemmija fil-paragrafu (e) tal-artikolu 811 tal-Kap.12 ghalbiex is-sentenza *de quo* tigi ritrattata;

9. Illi in vista ta' li nghad supra l-esponenti ritrattat jirribadixxi illi s-sentenza tat-23 ta' Novembru 2020 ghandha tigi kkonfermata.

Bl-ispejjez kontra r-ritrattanti."

4. Rat l-atti tal-kawża.

5. Rat li waqt l-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2022, l-avukati tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li ma kellhomx xi jżidu mal-atti bil-miktub u l-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

7. L-isfond ta' din il-kawża, huwa, fil-qosor, dan: Inbiegħet *penthouse* proprjetà ta' Christopher Gauci. Ikkonkorrew bħala kredituri Pietà Marina Ltd. (Pietà Marina Limited), ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud[4] u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.[5]

8. Il-Prim' Awla, b'sentenza tal-21 ta' Ottubru, 2013, iddeċidiet li l-ewwel kellu jitħallas ir-Reġistratur, u l-bilanċ imur għand id-Direttur Ġenerali (Taxxi).

9. Pietà Marina Limited appellat, bl-aggravju li l-Prim' Awla kienet sabet li għalkemm kien japplika l-Art. 116(3) tal-Kap. 318 kontra Price Club Operators Ltd, li kien jagħti titlu pprivileġġjat lid-Direttur Ġenerali

[4] Illum Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud).
[5] Illum Direttur Ġenerali (Taxxi).

(Taxxi), minħabba l-frodi li kien ikkommetta Christopher Gauci, *qua* direttur tal-istess kumpanija, kien japplika l-Art. 318 li kien jirrendih solidament responsabbli għall-bolla li kellha titħallas mill-kumpanija. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1094 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, *manager* jew uffiċjal prinċipali tal-kumpanija li għandu obbligu li jħallas *in solidum* ifisser li d-Direttur tat-Taxxa jista' jdur fuqu biss għall-ħlas tad-dejn iżda m'hemmx estenzjoni tal-privileġġ. L-Ewwel Qorti għalhekk ma ddistingwietx bejn jedd ta' preferenza u obbligu ta' solidarjetà.

10. Din il-Qorti, diversament kostitwita, b'sentenza tat-23 ta' Novembru, 2020, ċaħdet l-aggravju. Fil-parti rilevanti għal din il-proċedura ta' ritrattazzjoni, hija rraġunat hekk:

> "14. Illi huwa minnu illi skont dana l-artikolu l-privileġġ hu moghti fuq l-assi tal-persuna li tħaddem, f'dan il-każ Price Club Operators Ltd u mhux Christopher Gauci iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 123 tal-Kap. 318 Gauci ġie solidalment responsabbili għall-pagament li kellha thallas il-kumpanija.
>
> 15. L-Artikolu 123 Kap. 318 jiddisponi li:
>
>> "(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, meta xi att, affarijiet jew ħaġa oħra li huma meħtieġa li jsiru jew li m'għandhomx isiru skont jew taħt dan l-Att għandhom isiru jew m'għandhomx isiru minn korp jew għaqda oħra ta' persuni, dak l-att, affarijiet jew ħaġa jkunu wkoll meħtieġa li jsiru jew li ma jsirux personalment mill-*manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp jew dik l-għaqda; u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu għandhom japplikaw f'dan is-sens.
>>
>> (2) Meta fl-applikazzjoni tas-subartikolu (1) jkollu jsir xi ħlas minn korp jew għaqda ta' persuni u mill-manager jew uffiċjal prinċipali ieħor tagħha, dak l-obbligu jkun *in solidum*."
>
> 16. Din id-dispożizzjoni titkellem dwar responsabbilita` ta' *manager* u ta' uffiċjal prinċipali ieħor ta' kumpanija jew korp ta' persuni u Christopher Gauci kien uffiċjal ewlieni *qua* direttur u mhux sempliċement bħala impjegat. Dan l-artikolu jestendi t-talba privileġġjata msemmija fl-Artikolu 116(3) għall-assi personali tad-

> debitur.
>
> 17. Dan l-artikolu japplika għal Christopher Gauci bħala direttur tas-soċjeta` Price Club billi huwa konsidrat bħala uffiċjal tal-kumpanija u jiskatta l-privileġġ imsemmi fl-Artikolu 116(3) tal-Kap 318 ukoll fuq l-assi personali tieghu in vista tas-sentenzi ta' dawn il-Qrati li sabuh responsabbili ta' *fraudulent trading* u din ir-responsabbilita` hija *in solidum*".

11. Ir-ritrattazzjoni tal-Pietà Marina Limited hi bbażata fuq l-Art. 811(e) Kap 12 li jaqra hekk:

> "Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell…, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> -omissis-
>
> "e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;
>
> Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni".

12. Skont Art. 816 tal-Kap. 12, meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, ir-ritrattand għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata.

13. L-ilment ta' Pietà Marina Limited huwa li l-Artikolu 123 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta ma jestendix il-privileġġ kontra kumpanija għall-*manager*, direttur, jew uffiċjali prinċipali oħra. *Ubi lex voluit, dixit.* Iżżid tissottometti li din il-Qorti "applikat il-liġi ħażin għaliex ma għamlitx riferenza għall-imsemmi Art. 1094" tal-Kodiċi Ċivili, li jfisser li l-ko-debitur

jista' jiġi mġiegħel iħallas id-dejn kollu, iżda mhux ukoll li jiġi estiż u applikat kontrih privileġġ li jkun hemm kontra l-kreditur l-ieħor.

14. Pietà Marina Limited tilmenta ukoll li privileġġ ma jistax jinħoloq b'analoġija. F'kull każ, l-Art. 123 mhux applikabbli għall-Art. 116(3).

Ikkunsidrat:

15. Pietà Marina Limited ma wrietx, kif meħtieġ mill-Art. 816 suċċitat, liema liġi kellha tapplika għall-fattispeċje tal-każ, minflok il-liġi applikata mill-Qorti. Fi sforz biex tidher li qed tagħmel dan, hija qalet li l-Qorti m'għamlitx riferenza għall-Art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili, li jispjega x'inhi solidarjetà passiva. Din id-dispożizzjoni iżda mhijiex il-liġi applikabbli għall-każ, li hi dik li toħroġ mill-preċitati Artikli 116(3) u 123 tal-Kap 318.

16. Pietà Marina Limited ma taqbilx ma' din il-Qorti li Art. 123 huwa applikabbli għall-Art. 116(3). Din iżda hija kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-liġi, u mhux ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi. Skont il-kelma tal-liġi, "jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi." U skont Luiso b'riferenza għall-Art. 360 para 3 tal-kodiċi ta' proċedura Taljana:[6]

[6] Francesco P. Luiso, Diritto Processuale Civile Vol II, Il Processo di Cognizione 13-il edizz. 2022, paġna 426.

> "La *falsa applicazione* e` quell'errore in cui incorre l'interprete allorche`, individuata esattamente la portata precettiva della norma, la applica ad una fattispecie che non e` quella dalla norma descritta. La falsa applicazione e` un errore di sussunzione; si cala sopra certi fatti storici una norma, la cui fattispecie astratta – esattamente individuata – non corrisponde alla fattispecie concreta realizzata da quei fatti storici. L'errore in quistione si colloca nella premessa minore del sillogismo".

17. Dak li għamlet din il-Qorti kien li stabbiliet li norma ta' dritt (Art. 123) kienet testendi għal norma ta' dritt ieħor (Art. 116(3)). Ma ddeċidietx li fattispeċje partikolari tal-każ kienu l-istess bħall-fattispeċje astratti kkontemplati mil-liġi. Fi kliem ieħor, dak li għamlet il-Qorti kien eżerċizzju ta' interpretazzjoni, billi sabet li l-kliem fl-Art. 123 li meta skont il-Kap 318 xi att għandu jsir minn korp jew għaqda oħra ta' persuni, u dak l-att ikun wkoll meħtieġ li jsir personalment mill-*manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp jew dik l-għaqda, **id-dispożizzjonijiet tal-istess Kap** u ta' kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu **għandhom japplikaw għalihom ukoll**. Għalhekk, kompliet tirraġuna l-Qorti, il-privileġġ kontra l-kumpanija *ex* Art. 116(3) kien japplika għal *manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor tagħha. Taqbel jew ma taqbilx miegħu, dan kien eżerċizzju ta' interpretazzjoni tal-liġi li ma jagħtix lok għar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni. Jekk jirriżulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-liġi korretta għall-fatti tal-każ, xorta waħda ma hemmx lok għal ritrattazzjoni fuq il-motiv tal-Art. 811(e) minkejja li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti lil dik il-liġi tkun waħda skorretta.[7]

---

[7] AIC Joseph Barbara v. Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi 17.02.2003 Qorti tal-Appell.

18. Jekk wieħed jifli l-punt tal-allegata applikazzjoni ħażina tal-liġi jsib li bażikament hija l-istess ilment li tressaq għall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti fis-sentenza attakkata; aggravju ttrattat u miċħud minnha. Apparti li t-tieni appell iżda mhux konsentit, lanqas jekk imlibbes il-libsa tar-ritrattazzjoni; fil-verità l-kwistjoni mqanqla mir-ritrattanti hija dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha din il-Qorti espressament tat deċiżjoni u għalhekk ukoll issib l-ostaklu tal-aħħar parti tal-Art. 811 (e) suċċitat.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Novembru, 2020, u tikkonfermaha għal kollox.

Spejjeż a kariku tar-ritrattandi.

Moqrija.

| Giannino Caruana Demajo<br>President | Robert G Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
da